# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 24 t'April tas-sena 2002.**

**Numru 4**

**Avviz numru 302/01/SM**

**GasanMamo Insurance Agency Limited bhala agent u mandatarju tas-socjeta' estera CGU Insurance plc ta' Perth Scotland u din kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha International Automobiles Limited skond il-ligi u skond il-polza ta' assigurazzjoni.**

**vs**

**The Chargo Handling Company Limited u Cassar & Cooper (Shipping & Insurance) Limited bhala agenti, ghan-nom u in rappresentanza ta' MITSUI O.S.K. Limited.**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat d-9 ta' April tas-sena 2001 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lis-socjetajiet konvenuti biex jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu ikkundannati:**

1. **Ihallsu, jew min minnhom, is-somma ta' erba' mija u sebgha u erbghin lira u erbghin centezmu (LM447.40,0) rapprezentanti hsarat u nuqqasijiet f'konsenja ta' sebgha vetturi Mazda li waslu Malta fis-7 ta' Mejju 2000 abbord il-vapur New Nada;**

2. **Bl-ispejjez u bl-interessi mid-data tal-prezentata tal-avviz kontra l-konvenuti li huma ngunti ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata t-3 ta' Mejju, 2001 li permezz taghha s-socjeta' "The Chargo Handling Company Limited" eccepiet is-segwenti:**

1. **Illi jinkombi fuq is-socjeta' attrici li tipprova illi l-allegati danni u nuqqasijiet sehhew waqt li l-vetturi de quo kienu taht il-kontroll effettiv u supervizjoni assoluta tas-socjeta' eccipjenti u li l-istess vetturi gew konsenjati lilha minghajr l-istess danni u nuqqasijiet;**

2. **Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi s-socjeta' eccipjenti mhix responsabbli ghall-allegat danni u nuqqasijiet lamentati izda dejjem qdiet l-obbligi taghha skond il-ligi;**

3. **Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont pretiz huwa eccessiv u ghalhekk huwa kontestat;**

4. **Salv eccezzjonijiet ohra;**

**Rat ukoll in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta l-ohra "Cassar & Cooper (Shipping & Insurance) Limited nomine li permezz taghha eccepiet is-segwenti:**

**1. It-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li fil-konfront ta' l-eccipjenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-eccipjenti kkonsenjat il-vetturi minghajr hsarat u nuqqasijiet;**

**2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ammont mitlub mis-socjeta' huwa eccessiv;**

**3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri skond il-ligi;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Ezaminat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

**1. Illi l-merkanzija meritu ta' din il-procedura tikkonsisti f'vetturi tal-marka Mazda li ddahlu Malta fis-6 ta' Mejju tas-sena 2000, tpoggew fil-post mgharuf bhala "Deep Water Quay" u gew rilaxxati fid-19 ta' l-istess xahar;**

**2. Illi fuq l-hsarat sofferti mill-vetturi de quo m'hemm xejn x'jinghad hlief li jirrizultaw abbundantement ipprovati anke permezz ta' survey relattiv;**

**3. Illi jirrizulta li d-danni sofferti mill-vetturi in dizamina ghamlet tajjeb ghalihom is-socjeta' attrici li giet ukoll surrogata fid-drittijiet kollha tal-beneficcjarju;**

**4. Illi jirrizulta wkoll abbundantament ipprovat li bl-eskluzjoni ta' "gear leaver knob" li nstabet nieqsa r-rimanenti danni gew ikkagunati meta l-vettura de quo kienu fil-kustodja tas-**

**socjeta' konvenuta "The Cargo Handling Company Limited";**

**Ghaldaqstant din il-qorti tilqa' t-talbiet attrici u konsegwentement:**

1. **Tiddikjara lis-socjetajiet konvenuti "The Cargo Handling Company Limited" u "Cassar & Cooper (Shipping & Insurance) Limited responsabbli ghad-danni sofferti mis-socjeta' attrici;**

2. **Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta "Cassar & Cooper (Shipping & Insurance) Limited thallas lis-socjeta' attrici l-ammont ta' sittax-il Lira Maltija, (LM16.00,0), bl-imghaxijiet relattivi u lis-socjeta' "The Chargo Handling Company Limited" thallas lis-socjeta' attrici l-ammont ta' erba' mija u wiehed u tletin Lira Maltin u erbghin centezmu, (LM431.40,0), bl-imghaxijiet relattivi;**

3. **Illi in vista ta' l-ammont de minimis li nstabet resonsabbli ghalieh is-socjeta' konvenuta "Cassar & Cooper (Shipping & Insurance) Limited" l-ispejjez ta' din il-procedura ghandhom ikunu a karigu tas-socjeta' konvenuta "The Cargo Handling Company Limited".**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**